**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 3 ta` Ottubru, 2017.**

**Talba Nru: 380/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Frederick Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-23 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta` elf, mitejn u ħames Ewro, disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,205.99ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40565864, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta` attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat ihallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffijċali 2132/16, u l-imgħax mis-7 ta` Novembru 2016 meta ġiet preżentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta` din il-kawża (Dok.'A', fol.2); (ii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni ta` Mobisle Communiċations Limited f'GO plc (Dok.'B1', fol.3); (iii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta` attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B2', fol.4-5);

u (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva li s-soċjeta` attriċi preżentat kontra l-konvenut fis-7 ta` Novembru 2016 (Dok.'Ċ', fol.6).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenża tal-20 ta` Settembru 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta` attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Ra li fl-udjenża sussegwenti tas-27 ta` Settembru 2017, is-soċjeta` attriċi talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, filwaqt li ppreżentat nota ta` riduzzjoni tat-Talba għas-somma ta` elf, mija, tnejn u sittin Ewro, disgħa u sittin ċenteżmu (€1,162.69ċ), oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi kif ridotta tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, mija, tnejn u sittin Ewro, disgħa u sittin ċenteżmu (€1,162.69ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**